

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 28.4.2011
KUMM(2011) 231 finali

2011/0099 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-għan ta' dan l-abbozz tar-Regolament tal-Kunsill huwa li jestendi s-sospensjoni tad-dazji awtonomi għal ċerti tipi ta' monitors li għalihom id-dazji doganali ġew sospiżi b'mod awtonomu sal-31 ta' Diċembru 2010.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 179/2009 tal-5 ta' Marzu 2009 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ssospenda, għall-perjodu limitat ta' żmien, b'mod awtonomu r-rata konvenzjonali ta' dazju fit-Tariffa Doganali Komuni għal ċerti monitors suwed u bojod tas-subintestatura 8528 59 10¹ u għal ċerti monitors tal-kulur tas-subintestatura 8528 59 90². Din il-miżura skadiet fil-31 ta' Diċembru 2010.

L-industrija Ewropea rrappreżentata minn DigitalEurope talbet li s-sospensjoni tad-dazju msemmija hawn fuq tiġi estiża.

Il-konverġenza tal-IT u tat-tagħmir elettroniku għall-konsumatur wasslet għal sitwazzjoni fejn ħafna monitors jistgħu jintużaw f'sistemi awtomatiċi tal-ipproċessar tad-dejta kif ukoll flimkien mal-mezzi elettroniċi differenti tal-konsumatur bħal pereżempju DVD players, magni għal-logħob tal-kompjuter, sistemi għad-divertiment għall-karozzi.

B'kunsiderazzjoni tal-interess espress mill-industrija Ewropea għall-estensjoni tas-sospensjoni tad-dazji u b'kont meħud tal-interessi tal-konsumatur, huwa fl-interess tal-Unjoni li testendi s-sospensjoni awtonoma tad-dazji għal ċerti tipi ta' monitors sat-30 ta' Ġunju 2011, u li temenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2658/87 kif xieraq.

Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat nuqqas fl-għoti tas-sospensjoni, huwa propost li dan ir-Regolament tal-Kunsill ikollu effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2011.

Il-proposta hija konformi mal-politiki tal-kummerċ estern u tal-industrija tal-Unjoni.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa propost li l-Kummissjoni tibgħat din il-proposta lill-Kunsill sabiex testendi s-sospensjoni attwali tad-dazji awtonomi, u li l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ikun emendat kif xieraq.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali kien ikkonsultat fis-17 ta' Diċembru 2010.

¹ Monitors suwed u bojod jew monokromi oħrajn, li jużaw it-teknoloġija tal-kristalli likwidi, mgħammra b'konnettur Interface Viżiva Diġitali (DVI) jew b'konnettur VGA jew bit-tnejn li huma b'qies djaġgonali tal-iskrin li ma jaqbiżx 77,50 cm (jiġifieri 30,5 pulzieri), b'aspett ta' proporzjon ta' 1:1, 4:3, 5:4 jew 16:10, b'riżoluzzjoni tat-tikek (pixels) li taqbeż 1.92 mega tikek, u b'dot pitch li ma taqbiżx 0,3 mm.

² Monitors tal-kulur, li jużaw it-teknoloġija tal-kristalli likwidi, b'qies djaġgonali tal-iskrin li ma jaqbiżx 55.9 cm (jiġifieri 22 pulzier), b'aspett tal-proporzjon ta' 1:1, 4:3, 5:4 u 16:10.

It-taqsimu dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali kienet ikkonsultata fid-9 ta' Frar 2011.

L-industrija Ewropea rrappreżentata minn DigitalEurope kienet favur estensjoni

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-bażi legali ta' din il-proposta għal regolament huma l-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax, peress li l-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni.

Kif previst fit-Trattat, il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba li tneġġeġ in-negozju bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi u tibbilanċja l-interess kummerċjali ta' operatur ekonomiċi (manifatturi fl-Unjoni u l-importaturi) mingħajr ma tibdel l-iskeda tal-UE u d-WTO.

Bis-saħħa tal-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, is-sospensjonijiet u l-kwoti tat-tariffi awtonomi huma stabbiliti mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq il-bażi ta' proposta min-naħa tal-Kummissjoni.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Dazji doganali li ma nġabrux fl-iskala ta' EUR 45.17 miljuni (skont iċ-ċifri ta' importazzjoni tal-2009).

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

Peress li l-proposta għal regolament se tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2011, huwa mħeġġeġ li tiġi adottata malajr.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

ta' [...]

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 179/2009 tal-5 ta' Marzu 2009 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni³ issospenda kompletament, għall-perjodu ta' sentejn, id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni għal ċerti monitors suwed u bojod u ċerti monitors tal-kulur li jużaw it-teknoloġija tal-kristalli likwidi u li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8528 59 10 u 8528 59 90.
- (2) Minħabba raġunijiet ta' politika ekonomika u industrijali, huwa fl-interess tal-Unjoni li testendi s-sospensjoni tad-dazji awtonomi pprovduta fir-Regolament (KE) Nru 179/2009 għall-perjodu ta' sitt xhur li jibda mill-1 ta' Jannar 2011.
- (3) Wara ristrutturar tal-intestatura 8528 tan-Nomenklatura Magħquda, il-monitors ikkonċernati issa huma koperti mill-kodiċi MN 8528 59 10 u 8528 59 40. Is-sospensjonijiet tat-tariffa pprovduti f'dan ir-Regolament għandhom għalhekk jikkonċernaw dawn il-kodiċi NM.
- (4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87⁴ għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Is-sospensjonijiet pprovduti f'dan ir-Regolament huma estensjoni tas-sospensjonijiet mogħtija mir-Regolament (KE) Nru 179/2009 li skada fil-31 ta' Diċembru 2010. Peress li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jkun hemm kwalunkwe interuzzjoni tat-trattament tat-tariffa tal-monitors koperti minn din is-sospensjoni, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

³ ĠU L 63, 7.3.2009, p. 1.

⁴ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-Tieni Parti, Settur XVI, Kapitolu 85 tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 hija emendata kif ġejja:

(1). It-test fil-kolonna 3 tal-kodiċi NM 8528 59 10 huwa mibdul b'dan li ġej:

'14 (*)

(*) Id-dazju doganali sospiż b'mod awtonomu, sat-30 ta' Ġunju 2011, għal monitors bojod u suwed jew monokromi oħrajn, li jużaw it-teknoloġija tal-kristalli likwidi, mgħammra b'konnettur Interface Viżiva Diġitali (DVI) jew b'konnettur VGA jew bit-tnejn li huma b'qies djagonali tal-iskrin li ma jaqbiżx 77,50 cm (jiġifieri 30,5 pulzieri), b'aspett ta' proporzjon ta' 1:1, 4:3, 5:4 jew 16:10, b'riżoluzzjoni tat-tikek (pixels) li taqbeż 1.92 mega tikek, u b'dot pitch li ma taqbiżx 0,3 mm.(kodiċi TARIC 8528 59 10 10)';

(2). It-test fil-kolonna 3 tal-kodiċi NM 8528 59 40 huwa mibdul b'dan li ġej:

'14 (*)

(*) Id-dazju doganali sospiż b'mod awtonomu, sat-30 ta' Ġunju 2011 għal monitors tal-kulur, li jużaw it-teknoloġija tal-kristalli likwidi, b'qies djagonali tal-iskrin li ma jaqbiżx 55,9 cm (jiġifieri 22 pulzier), b'aspett tal-proporzjon ta' 1:1, 4:3, 5:4 jew 16:10. (kodiċi TARIC 8528 59 40 40)'.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI
GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU ESKLUSSIVAMENT RISTRETT GĦAN-
NAĦA TAD-DĦUL

1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

2. LINJI TAL-BAĠIT:

Kapitolu u Artikolu: Kapitolu 12, Artikolu 120

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata: EUR 16 653 700 000 (B2011)

3. IMPATT FINANZJARJU:

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji

X Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

Abbażi tal-importazzjonijiet li saru fl-2009, l-ogħla telf mill-introjtu kien stmat għal EUR 45.17 miljun.

(EUR miljuni sa punt deċimali wieħed)

Linja tal-baġit	Dħul ⁵	Perjodu ta' 6 xhur li jibda minn jj/xx/ssss	[Sena: L-ewwel semestru tal-2011]
Artikolu 120	<i>L-impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	01/01/2011	45 166 000

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Applikazzjoni tal-miżuri normali taħt il-Kodiċi Doganali tal-Komunità.

5. RIMARKI OĦRAJN

Intuża dan il-metodu ta' kalkolazzjoni:

⁵ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, imposti fuq iz-zokkor, dazji doganali) l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % ta' ispejjeż ta' ġbir.

Id-dejta fuq il-valur tal-importazzjonijiet tal-monitors taħt il-kodiċi TARIC 8528 59 10 10 u 8528 59 90 40 ġiet estratta għas-sena 2009 (id-dejta kompluta għall-2010 ma kinitx għadha disponibbli dak iż-żmien). Ir-rata tad-dazju korrispondenti (14%) ġiet applikata għall-valur estratt sabiex jinkiseb it-telf tad-dazji fuq l-importazzjonijiet għal dawn il-kodiċi. Fl-aħħar, l-ammont tal-ispejjeż ta' għbir (25%) ġie mnaqqas sabiex jinkiseb l-ammont finali tat-telf tar-riżorsi proprji għas-sena 2009. Huwa meqjuż li l-volum kummerċjali fil-prodotti kkonċernati se jibqa' l-istess għall-perjodu kkunsidrat f'din il-proposta għas-sospensjoni tad-dazji awtonomi.

EUR 860.30 miljun (valur tal-importazzjonijiet) * 0,14 = EUR 120.44 miljun (valur gross)* 0,75 = EUR 90.33 miljun (valur nett kull sena) * 0,5 = EUR 45.17 (valur nett kull perjodu ta' sitt xhur)

It-telf ta' dħul f'Riżorsi Proprji Tradizzjonali għandu jiġi kkumpensat mill-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING tal-Istati Membri.